

32003D0573

1.8.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 194/89

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Lulju 2003

**li temenda Deċiżjoni 94/85/KE dwar l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk u Deċiżjoni 2000/609/KE dwar il-kondizzjonijiet sanitarji għall-importazzjoni ta' laħam ta' annimali ratite frisk fejn tidħol il-Botswana**

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 2755)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/573/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE tas-26 ta' Ġunju 1991 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw in-negozju fi ħdan il-Komunità u importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' laħam tat-tjur frisk <sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 1999/89/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artiklu 9(1) tiegħu

billi:

- (1) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/85/KE <sup>(3)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-DEĊIŻJONI Nru 2001/733/KE <sup>(4)</sup>, tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk.
- (2) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/609/KE <sup>(5)</sup>, kif emendata l-aħħar permezz ta' 2000/782/KE <sup>(6)</sup>, tistabbilixxi kondizzjonijiet dwar annimali u saħħa pubblika u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam ta' annimali *ratite* imkabbra fir-razzett.
- (3) Spezzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-Botswana f'Mejju 2001 uriet li fil-pajjiżi hemm servizzi veterinarji strutturati u organizzati biżżejjed bejn jidħol l-istat ta' saħħa fir-rigward ta' annimali *ratite*. madankollu, il-leġislazzjoni fil-Botswana ma nkludietx b'mod sħiħ ir-reqwiżit għan-notifika uffiċjali ta' l-influenza Avjana.
- (4) il-Botswana issa emendat il-liġijiet tagħha biex tassigura li l-influenza avjana tkun notifikata lill-awtorità kompetenti.
- (5) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/85/KE għandha għalhekk tkun emendata biex tinkludi lil Botswana fil-lista fl-Anness ta' magħha. Għal skop ta' ċarezza l-Anness għandu jiġi mibdul kollu kemm hu.
- (6) L-Anness għad-Deċiżjoni 94/85/KE għandha turi b'mod ċar li l-Botswana hija awtorizzata għal-laħam ta' annimali *ratite* biss.

(7) l-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/609/KE għandha tkun ukoll emendata biex tinkludi lill-Botswana fil-lista tal-pajjiżi awtorizzati li jistgħu jesportaw annimali *ratite* imkabbra fi-razzett lejn l-Unjoni Ewropea. Għal skop ta' ċarezza l-Anness għandu jiġi mibdul kollu kemm hu.

(8) Minħabba l-istat ta' saħħa fil-Botswana fejn tidħol il-marda ta' Newcastle, l-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/609/KE għandha turi b'mod ċar li ċ-Ċertifikat Mudell "B" għandu jintuża għal-laħam ta' annimali *ratite* imkabbra fi-razzett mill-Botswana.

(9) Il-miżuri li tipprovdi għalihom din id-deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 94/85/KE huwa mibdul bl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/609/KE huwa mibdul bl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 3

Dan id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Lulju 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, ta' l-24.9.91, p. 35.

<sup>(2)</sup> ĠU L 300, tat-23.11.99, p. 17.

<sup>(3)</sup> ĠU L 44, tas-17.2.94, p. 31.

<sup>(4)</sup> ĠU L 275, tat-18.10.1, p. 17.

<sup>(5)</sup> ĠU L 258, tat-12.10.00, p. 49.

<sup>(6)</sup> ĠU L 309, tad-9.12.00, p. 37.

## L-ANNEX I

## "L-ANNEX

**L-oġġetti minn pajjiżi fuq din il-lista għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti dwar is-saħħa tal-animali u tas-saħħa pubblika**

Kodiċi ISO	Pajjiż	Laħam frisk tat-tjur	speċi rimarki
AR	l-Arġentina	X	
AU	L-Awstralja	X	
BG	il-Bulgarija	X	
BR	il-Brażil	X	
BW	il-Botswana	X	Laħam ratite biss
CA	il-Kanada	X	
CH	L-Isvizzera	X	
CL	Iċ-Ċili	X	
CN	China (Ir-Repubblika Popolari)	X	
CY	Ċipru	X	
CZ	ir-Repubblika Ċeka	X	
HR	il-Kroazja	X	
HU	l-Ungerija	X	
IL	l-Iżrael	X	
IS	Islanda	X	
KR	Koreja (Repubblika)	X	
LV	il-Latvja	X	
LI	il-Litwanja	X	
MG	il-Madagaskar	X	
MT	Malta	X	
MY	Il-Malasja	X	Western Peninsular biss
NA	In-Namibia	X	Laħam ratite biss
NZ	New Zealand	X	
PL	Il-Polonja	X	
RO	ir-Rumanija	X	
SI	Is-Slovenja	X	
SK	Ir-Repubblika Slovakka	X	
TH	It-Tajlandja	X	
TN	It-Tuneżija	X	
TR	It-Turkija	X	
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika	X	
UY	L-Urugwaj	X	
ZA	L-Afrika t'Isfel	X	Laħam ratite biss
ZW	Iż-Żimbabwe	X	Laħam ratite biss"

## L-ANNEX II

## "L-ANNEX I

**Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi li għandhom permess li jesportaw farmed ratite meat lejn l-Unjoni Ewropea**

Kodiċi ISO	Pajjiż	Partijiet mit-territorju	ċertifikat mudell biex jintuża (A jew B)
AR	L-Arġentina		A
AU	L-Awstralja		A
BG	il-Bulgarija		A
BR-1	il-Brażil	The States of Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo uMato Grosso do Sul	A
BW	il-Botswana		B
CA	il-Kanada		A
CH	L-Isvizzera		A
CL	Iċ-Ċili		A
CY	Ċipru		A
CZ	ir-Repubblika Ċeka		A
HR	il-Kroazja		A
HU	l-Ungerija		A
IL	l-Iżrael		A
LI	il-Litwanja		A
NA	In-Namibia		B
NZ	New Zealand		A
PL	il-Polonja		A
RO	ir-Rumanija		A
SI	Is-Slovenja		A
SK	Is-slovakkja		A
TH	It-Tajlandja		A
TN	It-Tuneżija		A
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika		A
ZA	L-Afrika t'Isfel		B
ZW	Zimbabwe		B"